

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13260/20

AUDIO 49
DIGIT 133
SOC 747
DISINFO 41

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12814/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub.

Dawn il-konklużjonijiet ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, kif deċiż mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-18 ta' Novembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Filwaqt li jfakkar fir-referenzi kif jinsabu fl-anness

FILWAQT LI JFAKKAR FIL-KUNTEST POLITIKU ATTWALI LI FIH

- speċjalment matul żminijiet ta' kriżi, **sistema tal-media sostenibbli (A), pluralistika (B) u affidabbli (C)** hija ta' importanza kruċjali;
- il-pandemija tal-COVID-19 żiedet il-vulnerabbiltà tas-settur tal-media fl-UE, li ġie mxekkel bil-kollass tas-sorsi ewlenin tiegħu ta' dħul mir-reklamar, filwaqt li fl-istess ħin żdiedet b'mod sinifikanti d-domanda għal informazzjoni u kontenut affidabbli;
- il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ħolqu ambjent tal-media ikkaratterizzat minn pjattaformi online li saru l-mezzi li bihom udjenza globali tikseb aċċess transfruntier għal abbondanza ta' kontenut u servizzi tal-media, li jikkompetu għall-attenzjoni limitata tal-utenti;

A. SOSTENIBBILTÀ

JIRRIKONOXXI LI

1. il-pandemija tal-COVID-19 aggravat xi wħud mill-isfidi ewlenin li s-settur tal-media diġà ilu jiffaċċa għal ftit żmien mhux ħażin, inkluż dawn li ġejjin:
 - tnaqqis qawwi fid-dħul, esperjenzat b'mod speċjali mill-istabbilimenti tal-media lokali, reġjonali u tradizzjonali u sfidi dejjem akbar għas-sostenibbiltà ġenerali tas-settur tal-media. Dan huwa settur li l-parti l-kbira minnu huwa magħmul minn kumpanniji li huma espressjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa, iżda li spiss ma jkollhomx id-daqs jew is-saħħa finanzjarja biex joperaw fi swieq pan-Ewropej u globali;
 - il-mudelli ta' negozju xprunati mid-data użati mill-pjattaformi online (jiġifieri l-magni li jirrakkomandaw il-kontenut, il-personalizzazzjoni tal-kontenut u l-forom kollha ta' reklamar immirat) qed jisbqu dejjem aktar il-mudelli ta' finanzjament tal-media. L-infiq fuq ir-reklamar diġitali fuq il-pjattaformi huwa mistenni li jaqbeż l-infiq fuq ir-reklamar fuq il-media tradizzjonali fil-futur qrib;
2. il-fornituri ta' servizzi tal-media jinvestu fil-produzzjoni tal-kontenut u huma soġġetti għal responsabbiltajiet stretti, filwaqt li l-pjattaformi online, li jagħtu aċċess għal kontenut ta' partijiet terzi, spiss jaqilgħu l-flus minnu mingħajr ma jkollhom għalfejn jissodisfaw l-istess obbligi. Dan jista' jikkawża nuqqas ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, li jista' jagħti vantaġġi kompetittivi lil xi atturi tas-suq;
3. hemm bżonn li tiġi mfakkra l-importanza tal-prinċipji ewlenin tal-finanzjament tal-kontenut tal-media li jirfdu l-katina tal-valur kollha kemm hi u jissalvagwardjaw il-pluraliżmu tal-media. Pereżempju, l-allokazzjoni territorjali u esklużiva tad-drittijiet ta' liċenzjar tista' spiss tkun kruċjali għas-settur tal-media awdjoviżiva. L-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi għodda wkoll għandu importanza kbira;
4. l-interess finanzjarju tal-Unjoni għandu jkun protett f'konformità mal-prinċipji ġenerali inkorporati fit-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-valuri tal-Artikolu 2 TUE;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE BIEX

5. jipprovdu qafas adegwat u indipendenti għal sostenibbiltà ekonomika tal-ambjent tal-media nazzjonali, inkluż l-għajnuna mill-Istat, biex jiġi appoġġat irkupru mill-kriżi u b'hekk tiġi żgurata sistema tal-media pluralistika fit-tul. Kwalunkwe finanzjament jew sussidju mill-Istat għandu jkun ibbażat fuq kriterji ddeterminati minn qabel, oġġettivi u trasparenti, indipendenti minn kull influwenza politika;
6. jeżaminaw għażliet u inċentivi oħra possibbli fil-livell nazzjonali sabiex jiffaċilitaw appoġġ addizzjonali għall-irkupru tas-settur tal-media;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

7. ittaffi l-effetti negattivi tal-pandemija fuq is-settur tal-media (b'mod partikolari fuq il-pluraliżmu tal-media) billi tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-għajnuna mill-Istat u toħloq sinerġiji effettivi bejn l-inizjattivi Ewropej, li jinkludu l-QFP, l-istrument għall-irkupru "Next Generation Europe" u programmi rilevanti oħra tal-UE kif xieraq;
8. tinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti tal-UE għas-settur kreattiv u dak tal-media permezz ta' portal online għall-UE kollha;
9. tevalwa b'mod kontinwu r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE applikabbli għall-għajnuna mill-istat fis-settur tal-media;
10. sabiex jiġi ffaċilitat l-appoġġ mill-awtoritajiet nazzjonali, tevalwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-istampa, bil-ħsieb li jsiru l-adattamenti xierqa, pereżempju fir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija. Dawk ir-regoli fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jippermettu jew jiġġustifikaw kwalunkwe interferenza diretta jew indiretta mill-Istat mal-indipendenza editorjali tal-media;
11. issaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tal-media, li ġie affettwat b'mod negattiv mill-kriżi, tistimula l-adattament tiegħu biex tiġi indirizzata t-trasformazzjoni diġitali u dik ekoloġika u trawwem id-disponibbiltà ta' kontenut tal-media diversifikat u indipendenti f'ambjent tal-media ġust u kompetittiv permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Medja u s-Settur Awdjoviżiv;

12. tirfina r-responsabbiltajiet tal-pjattaformi online fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Kwalunkwe obbligu speċifiku għdid għall-pjattaformi online għandu jkun adegwat u proporzjonat u jqis debitament l-impatti possibbli fuq il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u s-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media. L-atti legali orizzontali ġodda tal-UE għandhom ikunu koerenti mal-istrumenti legali speċifiċi għas-settur fis-seħħ, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U B'RISPETT DOVUT GħALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA', BIEX

13. jiżguraw qafas legali u ekonomiku li jippermetti lill-fornituri ta' servizzi tal-media jaqilgħu biżżejjed flus mill-kontenut tagħhom billi
- jappoġġaw u jstimulaw l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda, sostenibbli u kollaborattivi, b'mod partikolari għall-istabbilimenti tal-media lokali, reġjonali u tradizzjonali;
 - jirrikonoxxu l-importanza tar-reklamar għas-settur tal-media u r-rwol kruċjali tiegħu fl-iżgurar tal-aċċess liberu tal-utenti għall-informazzjoni;
 - jevalwaw ir-regolamentazzjoni tar-reklamar u l-miżuri relatati għall-protezzjoni tad-data fl-era diġitali sabiex jiġi żgurat li dawn jiffaċilitaw il-finanzjament tal-kontenut tal-media;
 - iwettqu riċerka dwar ir-rwoli tar-reklamar online, l-użu tad-data, il-kollaborazzjoni fir-rigward tal-innovazzjoni tad-data u tal-media;
 - jinċentivaw il-pjattaformi biex jikkumpensaw b'mod adegwat lill-fornituri u lill-awturi ta' kontenut tal-media għall-kontenut li l-pjattaformi jkunu qalgħu flus minnu u jiżguraw li dawn jirrispettaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
 - jivvalutaw il-ħtieġa u modi possibbli ta' kif jista' jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-opportunitajiet ta' finanzjament għall-istabbilimenti tal-media biex jingħeleb in-nuqqas ta' likwidità;

B. PLURALIŻMU

JIRRIKONOXXI LI

14. is-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media taqa' primarjament taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri tal-UE, filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jirrispettaw ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Id-diversità tal-ambjenti nazzjonali differenti tal-media madwar l-Ewropa hija espressjoni importanti tad-diversità kulturali tal-Istati Membri tagħha u trid tiġi rikonoxxuta bħala tali;
15. il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media huma valuri demokratiċi tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-protezzjoni tagħhom hija wieħed mill-oġettivi ġenerali tar-regolamentazzjoni tal-media. Dawn huma kruċjali għal demokrazija vibranti fejn dawk il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati;
16. il-kunċett tal-pluraliżmu tal-media għandu ħafna aspetti u jinkorpora fih il-miżuri kollha li jiżguraw aċċess għal varjetà ta' sorsi ta' informazzjoni u kontenut u jippermetti lil diversi atturi b'opinjonijiet differenti jkollhom opportunitajiet indaqs biex jilħqu lill-pubbliku permezz tal-media;
17. it-tnaqqis tad-diskrepanza bejn dak li l-utenti qegħdin ifittxu online u l-kontenut li huma jsibu huwa ta' rilevanza essenzjali għall-fornituri ta' kontenut tal-media. Għarfien fil-fond tal-ġestjoni tal-informazzjoni, l-indiċjar tal-magni tat-tiftix u t-tqabbil tal-keywords għalhekk jagħmlu parti mis-settijiet ta' ħliet kruċjali għall-fornituri ta' kontenut tal-media online;

JENFASIZZA LI

18. aħna ngħixu f'sistema tal-media ibrida (offline u online) li fiha t-tipi kollha ta' servizzi tal-media u forum ta' kontenut jikkontribwixxu għal ambjent tal-media pluralistika. L-informazzjoni, l-aħbarijiet u l-ġrajjet kurrenti kif ukoll il-kontenut kulturali, lokali, reġjonali, edukattiv u ta' divertiment iġorru u jirriflettu l-valuri tas-soċjetà tagħna;
19. sistema tal-media doppja li tikkonsisti f'media tas-servizz pubbliku stabbli, iffinanzjata b'mod adegwat u orjentata lejn il-futur u fi stabbilimenti tal-media privati hija mfassla tajjeb biex tikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-media. Barra minn hekk, ammont dejjem jikber ta' kontenut online ġġenerat mill-utent jikkontribwixxi wkoll għad-diversità tal-kontenut f'ekosistema tal-media online, iżda jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn dan il-kontenut u l-kontenut tal-media editorjali;
20. fl-ekonomija tal-pjattaformi, l-effetti qawwija tan-network jikkontribwixxu għal forum ġodda ta' konċentrazzjoni fis-suq u jistgħu jiġu osservati tendenzi ta' monopolizzazzjoni, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-pluraliżmu tal-media. Kwistjonijiet preċedenti ta' kapaċitajiet limitati ta' trażmissjoni issa ġew issupplimentati minn kwistjonijiet dwar it-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni, ir-rintraċċabbiltà u l-iskopribbiltà;

JAQBEL LI

21. minħabba l-iżviluppi diġitali u l-konverġenza tal-media, l-ambjent tal-media qed isir dejjem aktar kumpless u l-ġhodod biex jiġi żgurat il-pluraliżmu tal-media jeħtieġ li jiġu kontinwament ikkunsidrati u ddefiniti mill-ġdid. Fil-kuntest attwali, il-politika futura dwar il-media għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet importanti li ġejjin;

L-AĊĊESSIBBILTÀ U N-NONDISKRIMINAZZJONI

- kif tiġi żgurata l-preżenza (id-disponibbiltà) u l-faċilità tal-użu (l-aċċessibbiltà) ta' kontenut online diversifikat;
- regoli nondiskriminatorji għall-pjattaformi online li jkollhom rwol ta' gwardjan f'termini tal-aċċess u t-trattament indaqs għall-fornituri ta' kontenut tal-media;

IT-TRASPARENZA U L-AWTONOMIJA TAL-UTENTI

- regolamenti dwar it-trasparenza għall-pjattaformi online li jwasslu għall-iżvelar tal-kriterji ċentrali għall-aggregazzjoni, l-għażla u l-preżentazzjoni ta' kontenut tal-media u l-ponderazzjoni tagħhom, inkluż informazzjoni dwar il-funzjonament tal-algoritmi użati, filwaqt li jiġu rispettati s-sigriet kummerċjali, tiġi protetta l-integrità tas-servizzi u titqies ir-regolamentazzjoni eżistenti, bħar-regolament dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji (P2B) u l-GDPR;
- l-iżvelar ta' informazzjoni f'lingwa li tkun sempliċi, konċiża u li tinftiehem mill-utenti, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati;
- l-offerti ta' kontenut personalizzat għandhom ikunu bbażati fuq kriterji li jkunu ġew ipprovduti volontarjament u/jew magħżula mill-utent biex tissaħħaħ l-awtonomija tal-utenti;

IR-RINTRAĊĊABBILTÀ U L-ISKOPRIBBILTÀ

- l-algoritmi li jaffettwaw ir-riżultati li l-utenti jkunu qed ifittxu b'mod attiv (ir-rintraċċabbiltà) u l-kontenut tal-media li l-utenti jkunu esposti għalih b'mod passiv (l-iskopribbiltà), kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-konsum tal-media tal-utent;
- miżuri bħal regoli orjentati lejn il-pluraliżmu li jobbligaw il-wiri ta' ċerti riżultati tat-tiftix (rintraċċabbiltà u skopribbiltà msaħħa) għal atturi li jagħtu aċċess għal kontenut tal-media u li jorganizzawh, b'kont meħud ta' teknoloġiji ġodda bħal assistenti bil-vuċi;
- kull kriterju għal rintraċċabbiltà u skopribbiltà msaħħa tal-offerti tal-media għandhom ikunu favur il-pluraliżmu u d-diversità kulturali, u m'għandhomx ikunu relatati mal-kontenut innifsu;

IL-KONĊENTRAZZJONI FIS-SUQ TAL-MEDIA U L-AĊĊESS GĦAD-DATA

- approċċi biex jiġu vvalutati s-swieq rilevanti u l-konċentrazzjoni fis-suq tal-media fid-dawl tal-konverġenza, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-media, b'kont meħud tal-importanza tad-disponibbiltà tad-data dwar is-sehem mis-suq tal-atturi tal-media;
- f'konformità mal-liġijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, l-aċċess ġust tal-ħallieqa ta' kontenut, l-istabbilimenti tal-media u r-regolaturi għad-data rilevanti miġbura minn atturi dominanti tas-suq, sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv l-udjenza u l-gruppi ta' reklamar rilevanti;
- rigward il-liġi dwar il-kompetizzjoni, il-possibbiltà ta' kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi tal-media – pubbliċi u privati – sabiex jiffurmaw alleanzi biex jipproduċu u jqassmu b'suċċess kontenut tal-media ta' interess ġenerali mingħajr ma jkunu dipendenti fuq pjattaformi kbar, filwaqt li jqisu bir-reqqa l-impatt possibbli fuq il-pluraliżmu tal-media;

JINNOTA LI

22. hemm sovrappożizzjoni tematika dejjem akbar tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv ma' dik ta' gruppi ta' ħidma oħrajn u ħtieġa li jkun żgurat skambju suffiċjenti ma' dawk li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-media. Barra minn hekk, huwa xieraq li jsir adattament tal-isem tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv sabiex ikun jirrifletti l-bidliet li jirriżultaw mill-konverġenza tal-media;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE BIEX

23. ikomplu jevalwaw u jiżviluppaw miżuri nazzjonali biex jivvalutaw il-pluraliżmu tal-media biex jiġi żgurat li l-utenti jkunu esposti għal varjetà ta' kontenut u jkunu jistgħu jgawdu bis-siġh il-libertà tal-espressjoni tagħhom u d-dritt tagħhom għall-informazzjoni;
24. jieħdu kont debitu tas-sejbiet ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fir-regolamentazzjoni tal-media u l-miżuri ta' politika nazzjonali li jmiss biex jiġi ssalvagwardjat b'mod adegwat il-pluraliżmu tal-media;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

25. tkompli u tiżviluppa aktar ir-riċerka biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-pluraliżmu tal-media u tinftiehem aktar il-pożizzjoni tal-istabbilimenti tal-media editorjali li nbidlet fir-rigward tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, il-pjattaformi ta' video-sharing u pjattaformi oħra tal-media; il-kunċetti tax-xjenza tal-informazzjoni għandhom jitqiesu b'mod espliċitu;
26. tieħu kont tal-kompetenza tal-Istati Membri biex jadottaw miżuri biex jintlaħqu l-għanġiet soċjali, kulturali u demokratiċi, abbażi tad-diversità lingwistika tagħhom, l-ispeċifità jiet nazzjonali u reġjonali u l-interess tagħhom biex jinżamm l-aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni u kontenut diversifikati;
27. trawwem perspettiva ta' politika olistika, b'kont meħud tal-varjabbli legali, politiċi u ekonomiċi li huma rilevanti għas-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media u tkun partikolarment konxja mill-effetti possibbli ta' inizjattivi regolatorji li tradizzjonalment ma jitqisux bħala regolamentazzjoni tal-media iżda li għandhom impatt kbir fuq il-pluraliżmu tal-media; tiżviluppa dan l-approċċ olistiku billi tibda bil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Media u s-Settur Awdjoviżiv u l-pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali li ġew imħabbra;
28. issaħħaħ il-koerenza orizzontali fil-qafas regolatorju, billi tieħu kont tal-pluraliżmu tal-media b'mod espliċitu u strutturali fil-proċess leġiżlattiv matul il-valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi regolatorji;
29. tistabbilixxi "Forum Ewropew dwar il-Media" biex il-kwistjonijiet attwali tal-politika dwar il-media jiġu diskussi bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha darba kull sena;

C. AFFIDABILITÀ

JIRRIKONOXXI LI

30. id-diżinformazzjoni tikkostitwixxi theddida għall-proċessi demokratiċi, is-saħħa pubblika u s-soċjetajiet u tista' trawwem diskors ta' mibegħda u inċitament għall-vjolenza online u offline, kif ukoll iddgħajef il-fiduċja fl-istrutturi u fil-proċessi demokratiċi tal-istat li huma vitali biex tiġi żgurata l-libertà tal-istampa u tal-media;
31. is-salvagwardja ta' sistema tal-media affidabbli hija ċentrali, kif ġie enfasizzat matul il-kriżi tal-COVID-19, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fid-dibattitu demokratiku permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, ħielsa minn influwenza politika indebita, pressjoni minn politiki ta' partijiet terzi, interferenza manipulattiva u l-effetti tad-diżinformazzjoni;
32. il-fornituri ta' servizzi tal-media editorjali qed jikkompetu għall-attenzjoni tal-utenti fuq pjattaformi ma' produttori oħra ta' kontenut li spiss ma josservawx l-istess standards editorjali. Kontenut sensazzjonalist u provokattiv spiss jintuża biex jiġu massimizzati r-rati ta' involviment u d-dħul mir-reklamar;

JENFASIZZA LI

33. is-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media tfisser ukoll l-iżgurar tal-libertà għall-utenti biex jipparteċipaw u jinvolvu ruħhom f'kontenut tal-media online mingħajr biża' jew riskju ta' fastidju bil-protezzjoni tal-valuri fundamentali ta' sistema tal-media ħielsa, inkluż il-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni mill-vjolenza u l-mibegħda, il-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minorenni u l-protezzjoni tal-konsumaturi;
34. hemm ammont dejjem jiżdied ta' tixrid ta' kontenut li joriġina minn pajjiżi Ewropej jew mhux Ewropej li aktar ta' spiss qiegħed jinkludi kontenut li jikser il-valuri fundamentali tas-sistemi tal-media Ewropej u nazzjonali;
35. xi ftit pjattaformi online, li oriġinarjament ma kinux Ewropej, qegħdin jinfluwenzaw dejjem aktar l-aċċess għal kontenut tal-media mill-utenti fl-UE;

JAQBEL LI

36. l-infurzar effettiv tal-liġi huwa diffiċli peress li l-proċessi eżistenti tal-infurzar tal-liġi transfruntier spiss huma kkumplikati, deġġiema, ineffiċjenti u nieqsa minn protezzjoni effettiva għall-pubbliku. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom għalhekk jistinkaw biex isibu regoli u proċeduri ta' infurzar komuni aktar effettivi għall-kontenut li huwa aċċessibbli online u li jitqassam bejn il-fruntieri nazzjonali;
37. il-pjattaformi ewlenin li jaġixxu bħala gwardjani ta' spiss jeżerċitaw kontroll "sekondarju" fuq il-kontenut li diġà jikkonforma mal-istandards editorjali u mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli;
38. id-distinzjoni bejn id-diversi manifestazzjonijiet ta' kontenut falz u qarrieqi u l-identifikazzjoni ta' metodi tipiċi ta' tixrid tad-diżinformazzjoni (pereżempju permezz ta' mġiba mhux awtentika kkoordinata) hija kruċjali biex jinstabu risponsi xierqa u individwali;
39. fir-rigward tal-importanza tal-libertà tal-kelma, l-istati u l-awtoritajiet regolatorji amministrattivi kif ukoll il-fornituri ta' pjattaformi privati għandhom joqogħdu lura milli jiddefinixxu kontenut ta' kwalità jew l-affidabbiltà tal-kontenut innifsu. Dan m'għandux jipprevjeni lill-pjattaformi milli jippromwovu komunikazzjonijiet u avviżi pubbliċi f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' emerġenza;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE BIEX

40. jippromwovu l-litteriżmu fil-media kif iddikjarat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel u b'mod speċjali jappoġġaw azzjonijiet nazzjonali ta' litteriżmu fil-media li jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni, isaħħu r-reżiljenza tal-udjenzi u jimmiraw lejn iċ-ċittadini ta' kull grupp ta' età;
41. jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom biex jikkooperaw ma' awtoritajiet regolatorji nazzjonali oħra, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), u jevalwaw ir-regoli nazzjonali dwar il-kooperazzjoni legali u amministrattiva kif ukoll l-adegwatezza tal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali indipendenti tal-media biex jindirizzaw l-isfidi diġitali u jinfurzaw ir-regolamenti eżistenti;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

42. tieħu miżuri xierqa abbażi ta' valutazzjonijiet preċedenti tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u f'konformità mal-prinċipju ġenerali tal-libertà tal-kelma sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet eżistenti u tiġi evitata ħsara lill-pubbliku billi jiġu indirizzati t-tekniki manipulattivi ta' tixrid tad-diżinformazzjoni fost l-oġrajn fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea mħabbar;
43. issaħħaħ ir-regolamentazzjoni tal-media tal-Ewropa fir-rigward tal-isfidi diġitali l-ġodda b'enfasi fuq id-distribuzzjoni transfruntiera tal-kontenut billi tottimizza l-proċeduri u l-funzjonament tal-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini biex jiġi żgurat li l-infurzar transfruntier tar-regolamenti tal-media jkun jista' jipproteġi b'mod effettiv lill-utenti tal-media, lill-konsumaturi u lill-minorenni;
44. issaħħaħ l-infurzar effettiv tar-regoli eżistenti f'każijiet transfruntiera, tappoġġa l-Memorandum ta' Qbil dwar regoli proċedurali simplifikati għal infurzar transfruntier tal-liġi mħejjija mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-ERGA u ssaħħaħ l-appoġġ għall-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni u l-promulgazzjoni ta' dan il-ftehim ta' kooperazzjoni;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA', BIEX

45. jippromwovu l-iżvilupp ta' indikaturi strutturali u proċedurali għall-affidabbiltà tal-istabbilimenti tal-aħbarijiet u tal-media u b'hekk jippromwovu l-konformità man-normi u mal-etika professjonali;
46. jaħdmu ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, riċerkaturi, ġurnalisti professjonali u esperti rilevanti oħra, biex jiżviluppaw għodod li jidentifikaw id-diżinformazzjoni (jiġifieri permezz ta' proċessi tekniċi ta' verifika tal-fatti) sabiex iċ-ċittadini jsiru konxji dwar kwalunkwe tħassib dwar l-affidabbiltà tal-informazzjoni mogħtija;
47. jappoġġaw l-iżvilupp tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO) fl-isforz biex jidentifika u jikxef il-kampanji tad-diżinformazzjoni fuq networks soċjali differenti u fuq il-media diġitali , kif jinsab fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Diżinformazzjoni.

Referenzi

Kunsill Ewropew

- *Konklużjonijiet adottati fil-laqgħa straordinarja tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 (EUCO 13/20).*

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali (ĠU C 32, 4.2.2014, p. 6).*
- *Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin [...] **fit**-12 ta' Mejju 2014.*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali (ĠU C 457, 19.12.2018, p. 2).*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 23).*

Kummissjoni Ewropea

- *Il-pluraliżmu tal-media fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, SEC(2007) 32.*
- *Linji Gwida għall-appoġġ tal-UE għal-libertà tal-media u l-integrità tal-media fil-pajjiżi tat-tkabbir, 2014-2020, DĠ Tkabbir, 2014.*
- *"Assessment of the Code of Practice on Disinformation - Achievements and areas for further improvement" (Valutazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni - Kisbiet u oqsma għal aktar titjib) (SWD(2020) 180 final).*
- .

- Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt. Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea, COM(2020) 580 final.

Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

- Kommunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: *Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 – X'inhuma l-fatti*, JOIN(2020) 8 final.

Kunsill tal-Ewropa

- *Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)1[1] tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media.*
- *Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tal-internet.*
- *Dikjarazzjoni mill-Kumitat tal-Ministri dwar is-sostenibbiltà finanzjarja tal-ġurnaliżmu ta' kwalità fl-era diġitali, Decl(13/02/2019)2.*
- *Rakkomandazzjoni CM/Rec(2020)1 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-impatt tas-sistemi algoritmiċi fuq id-drittijiet tal-bniedem.*

Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media

- *Il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media*, iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media, 2013.
- Parcu, P. L., *"New digital threats to media pluralism in the information age"* (Theddid diġitali ġdid għall-pluraliżmu tal-media fl-era tal-informazzjoni), RSCAS 2019/19, l-Istitut Universitarju Ewropew.
- Stasi, M. L., *Ensuring Pluralism in Social Media Markets: Some Suggestions* (Niżguraw il-Pluraliżmu fis-Swieq tal-Media Soċjali: Xi Suġġerimenti), RSCAS 2020/05; l-Istitut Universitarju Ewropew.
- Brogi, E., Carlini, R., Nenadic, I., Parcu, P. L., de Azevedo Cunha, M. V., *Monitoring Media Pluralism in the Digital Era. Application of the Media Pluralism Monitor in the European Union, Albania and Turkey in the years 2018-2019* (Sorveljanza tal-Pluraliżmu tal-Media fl-Era Diġitali. L-Applikazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media fl-Unjoni Ewropea, fl-Albanija u fit-Turkija fis-snin 2018-2019), RSCAS, l-Istitut Universitarju Ewropew, 2020.

Studji oħra

- *Independent Study on Indicators for Media Pluralism in the Member States – Towards a Risk-Based Approach* (Studju Indipendenti dwar l-Indikaturi għall-Pluraliżmu tal-Media fl-Istati Membri – Lejn Approċċ Ibbażat fuq ir-Riskju), K. U. Leuven – ICRI, Jönköping International Business School - MMTC, Central European University - CMCS, Ernst & Young Consultancy, il-Belġju, 2009.
- *A free and pluralistic media to sustain European democracy* (Media ħielsa u pluralistika biex tiġi sostnuta d-demokrazija Ewropea), Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà u l-Pluraliżmu tal-Media, 2013.
- *Internal Media Plurality in Audiovisual Media Services in the EU: Rules & Practices* (Pluralità tal-Media Interna fis-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fl-UE: Regoli u Prattiki), (rapport tal-ERGA), 2018.
- *ERGA Report on disinformation: Assessment of the implementation of the Code of Practice* (Rapport tal-ERGA dwar id-diżinformazzjoni: Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika), 2020.